**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 30 ta' Jannar, 2025**

**Talba Nru: 281/2022MD**

**Farsons Beverage Imports Co. Ltd. (C-476)**

**Vs**

1. **Barking Frog Ltd. (C75980)**
2. **Assad Beaney Maria Jose Dos Santos (KI. Nr. 74296A)**
3. **Jan Erik Pantzar (KI Nru 110505A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fis-17 ta' Ottubru, 2022[1] permezz ta' liema s-soċjeta' attrici talbet li l-konvenuti jħallsu s-somma kumplessiva ta' elf ewro (€1,000) rappreżentanti merċa li ġiet mixtrija u kkonsenjata mis-soċjeta' attriċi lil konvenuti, liema somma qatt ma ġiet imħallsa; bl-ispejjeż, u d-drittijiet u l-imgħaxijiet legali sa mid-data tal-preżentata tat-Talba odjerna, b'riserva għal kwalsiasi ammont ulterjuri li talvolta jista jkun dovut lis-soċjeta' attrici.

[1] A fol 1 et seq tal-proċess

Ra r-risposta tal-konvenut Jan Erik Pantzer ppreżentata fid-19 ta' Jannar, 2023[2] li eċċepixxa s-segwenti:

1. *Illi preliminarjament, il-konvenut Jan Erik Pantzar ma huwiex il-leġittimu kontradittur f'dina l-kawża u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi. L-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi jirrigwarda kontijiet u/jew pendenzi allegatament dovuti mill-kumpanija konvenuta Barking Frog Limited u relattivi għal żmien li jiġi wara d-data li fiha l-esponenti trasferixxa l-azzjonijiet kollha tiegħu fil-kumpanija konvenuta Barking Frog Limited a favur tal-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney, liema trasferiment ġie reġistrat permezz ta' avviż tat-trasferiment relattiv mir-Reġistratur tal-Kumpaniji skond il-Liġi. Għalhekk huwa ċar li l-kumpanija konvenuta Barking Frog Limited u l-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney li għandhom iwieġbu għat-talbiet attriċi.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney akkwistat l-azzjonijiet kollha li kellu l-konvenut Jan Erik Pantzar fil-kumpanija konvenuta Barking Frog Limited permezz ta' Share Transfer and Settlement Agreement datat tletin (30) ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017). Fuq dak il-ftehim l-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney kienet ħelset lill-konvenut Jan Erik Pantzar mill-obbligi kollha tiegħu kemm fil-kapaċita' ta' direttur kif ukoll bħala azzjonist mid-data tal-ftehim il-quddiem. In oltre, l-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney kienet ukoll obbligat ruħha li teħles u tindennizza lill-esponenti minn kwalunkwe obbligazzjonijiet futuri tal-istess kumpanija konvenuta Barking Frog Limited.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, kif ser jiġi ippruvat fil-mori tal-kawża, il-merkanzija msemmija fid-Dok A anness mal-Avviż tirreferi għal żmien li jiġi wara is-Share Transfer and Settlement Agreement datat tletin (30) ta' Ġunju elfejn u sbatax (2017). Għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Jan Erik Pantzar huma infondati fil-fatti u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż.*

4. *Salv risposti oħra ulterjuri fil-fatt u fid-dritt skont il-Liġi.*

   *Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' attriċi.*

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta' konvenuta Barking Frog Limited u l-konvenuta Assad Beaney Maria Jose Dos Santos ġew debitament notifikati, ma kkontestawx il-kawża fit-termini preskritti mil-Liġi, u fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2023[3] żammew mad-dritt li tagħtihom il-Liġi fosthom li jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom.

Ra d-dokumenti li ġew esebieti in atti.

Ra l-affidavits prodotti mill-partijiet.

---

[2] A fol 7 et seq tal-proċess
[3] A fol 23 tal-proċess

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Il-konvenuti xtraw merċa mingħand is-soċjeta’ attriċi fis-somma ta’ elf ewro (€1,000) liema merċa ġiet kkonsenjata lil-konvenuti u minkejja li ġew interpellati diversi drabi baqgħu inadempjenti. Il-konvenut Jan Pantzar prelimarjament eċċepixxa li ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li m’għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta’ attriċi u dan għaliex l-ammont pretiż mis-soċjeta’ attriċi jirrigwardja pendenzi u kontijiet allegatament dovuti mis-soċjeta’ konvenuta u relattivi għal żmien li jiġi wara d-data li fiha l-konvenut trasferixxa l-azzjonijiet tiegħu kollha fi-soċjeta’ konvenuta a favur il-konvenuta Beaney, liema trasferiment ġie reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji. Fil-mertu eċċepixxa li permezz ta’ Share Tranfer and Settlement Agreement datat 30 ta’ Ġunju, 2017, il-konvenuta Beaney ħelsitu mill-obbligi kollha tiegħu kemm fil-kapaċita’ ta’ direttur kif ukoll bħala azzjonist mid-data tal-ftehim ‘il quddiem u kienet obbligat ruħha li teħles u tindennizzah minn kwalunkwe obbligazzjonijiet futuri tas-soċjeta’ konvenuta. Il-merkanzija tirreferi għal żmien li jiġi wara l-ftehim datat 30 ta’ Ġunju, 2017u għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda.

**Provi prodotti**

Ra l-affidavit ta’ **George Cassar White**[4] fil-kwalita’ tiegħu ta’ *Credit Control Manager* tas-soċjeta’ attriċi li permezz tiegħu ddikjara li s-soċjeta’ konvenuta kienet tiġġestixxi il-ħanut Tra Amici ġewwa Birkirkara u l-istess soċjeta’ konvenuta *tramite* d-Diretturi tagħha ta’ dak iż-żmien kienet talbet tibda tixtri prodotti ta’ xorb mingħand is-soċjeta’ attriċi bi kreditu. Kif dejjem isir meta s-soċjeta’ attriċi taqbel li tbiegħ il-prodotti tagħha bi kreditu, hekk kif sar ukoll fil-każ tal-konvenuti, tiġi ffirmata *'credit application*[5]*'*. Permezz tal-‘*credit application*' setgħu jinxtraw il-prodotti ta' xorb mingħand is-soċjeta’ attriċi u ġiet ffirmata għal Barking Frog Limited mid-diretturi ta' dak iż-żmien u ċioe' l-konvenuti Jan Erik Pantzar u Maria Beaney Assad Jose Dos Santos kemm għan-nom tal-soċjeta’ konvenuta kif ukoll f’isimhom personali. Dan hu espress bl-iktar mod ċar u hemm enfasi fuqu fil-Klawsola 10 li tinsab fl-ewwel paġna tal-‘*credit application'* li tgħid; "*the directors and/or shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to performance of all the obligations under these terms and conditions of credit*". L-istess Klawsola 10 tkompli tgħid; *".... they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the repayment of all overdue payments and interest due to the Company under this agreement*". Illi ż-żewġ konvenuti Jan Erik Pantzar u

[4] A fol 26 et seq tal-proċess
[5] A fol 26B et seq tal-proċess

Maria Beaney Assad Jose Dos Santos ffirmaw wkoll fuq l-imsemmija *'credit application'* bħala garanti u *in solidum* għas-soċjeta konvenuta. Din il-klawsoła tkompli tispjega illi dan il-ftehim jibqa' jorbot il-firmatarji tiegħu personalment u *'insolidum'* mas-soċjeta' Barking Frog Limited f'dan il-każ anke jekk jkun hemm bdil fl-ismijiet tad-Diretturi jew *shareholders* wara li din il-*credit application* tiġi ffirmata. Is-soċjeta' attriċi għamlet diversi tentattvi sabiex tipprova tiġbor dan l-ammont. Intbagħtu diversi fatturi, ittri, ittra legali u anke ittra uffiċjali datata 15 ta' Marzu 2022, bin-numru 643/2022 imma dan l-ammont baqa' ma tħallasx. Ikkonferma li sal-lum dan is-somma rappreżentanti l-merċa li inbiegħet u ġiet konsenjata mis-soċjeta' attriċi lil konvenuti fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) għadu dovut.

Ra l-affidavit ta' **Jan Pantzar**[6] permezz ta' liema ddikjara li bejn Ġunju tas-sena 2016 u Ġunju tas-sena 2017 kien direttur u *shareholder* tas-soċjeta' konvenuta. Dak iż-żmien il-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney ukoll kienet direttur u *shareholder* tas-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' konvenuta kienet tmexxi r-ristorant bl-isem Tra Amici ġewwa Birkirkara. Dak iż-żmien, ġie spjegat lilhom li s-soċjeta' attriċi kienet ser taċċetta li tforni merċa lis-soċjeta' konvenuta biss, jekk huma, bħala diretturi, jaċċettaw li jiffirmaw il-*Credit Application Form* esebita mis-soċjeta' attriċi. Għalkemm ma kienx jaqbel mal-kundizzjoni li kellu jiffirma f'ismu personali, peress li l-azzjonijiet tiegħu kienu diretti biss lejn il-benefiċċju tas-soċjeta' konvenuta, għażel li jimxi 'l quddiem. Il-provvista u l-kunsinna tal-prodotti saret biss lis-soċjeta' konvenuta. Fil-fatt, il-fatturi maħruġa mis-soċjeta' attriċi kienu indirizzati lis-soċjeta' konvenuta, kif jidher ċar mid-dokument esebit mis-soċjeta' attriċi[7] f'dawn il-proċeduri. Qal li l-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney akkwistat l-ishma kollha miżmumin minnu fis-soċjeta' konvenuta Barking Frog Limited permezz ta' *Share Transfer and Settlement Agreement* datat 30 ta' Ġunju, 2017[8]. Fuq dan il-ftehim, il-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney kienet ħelsitu minn kull obbligu kemm fil-kwalità ta' direttur kif ukoll bħala azzjonista mid-data tal-ftehim 'il quddiem. Barra minn hekk, il-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney obbligat ruħha wkoll li teħilsu u tindennizzah minn kull obbligazzjonijiet futuri tal-istess soċjeta' konvenuta. B'mod partikolari, irreferi għall-klawsoli 2.1 u 2.2 tas-*Share Transfer and Settlement Agreement*. Spjega li mid-dikjarazzjoni esebita mis-soċjeta' attriċi, jirriżulta li din it-Talba tirrigwarda kontijiet u/jew djun allegatament dovuti mis-soċjeta' konvenuta li jmorru bejn Jannar tas-sena 2020 u Lulju tas-sena 2021, u għalhekk għandhom x'jaqsmu maż-żmien li jiġi wara d-data li fiha ttrasferixxa l-ishma kollha tiegħu fis-soċjeta' konvenuta Barking Frog Limited favur il-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney, liema trasferiment kien irreġistrat kif dovut mar-Reġistratur tal-Kumpaniji skont il-Liġi[9]. Għalhekk jidher ċar li huma l-kumpanija konvenuta Barking Frog Limited u l-konvenuta Maria Jose Dos Santos Assad Beaney li għandhom iwieġbu għat-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

[6] A fol 32 tal-proċess
[7] A fol 26B et seq tal-proċess
[8] A fol 33 et seq tal-proċess
[9] A fol 38 tal-proċess

**Kunsiderazzjonijiet**

Il-kawża odjerna si tratta fuq ħlas ta' merċa li giet mibjugħa u konsenjata lil konvenuti, liema somma allegatament qatt ma ġiet imħallsa.

Il-konvenut eċċepixxa prelimarjament illi ma huwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li huwa ma għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi, u li l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi jirrigwardja kontijiet u/jew pendenzi allegatament dovuti mis-soċjeta' konvenuta u relattivi għal żmien li jiġi wara d-data li fiha hu trasferixxa l-azzjonijiet kollha tas-soċjeta' konvenuta a favur il-konvenuta Beaney, liema trasferiment ġie reġistrat permezz ta' avviż tat-trasferiment relattiv mar-Reġistratur tal-Kumpaniji skont il-Liġi.

Mis-*share transfer and settlement agreement*[10] iffirmat bejn il-konvenuti Maria Jose Dos Santos Assad Beaney u Jan Pantzar kif ukoll terz senjatament Acorn Technology AB jirriżulta illi b'effett mit-30 ta' Ġunju, 2017 Jan Pantzar kif ukoll Acorn Technology AB trasferew l-ishma tagħhom fis-soċjeta' konvenuta lil konvenuta Beaney "*for monetary consideration but in full and final settlement of any possible claims that the Transferee may have have against the Trasferor 1 and Transferor 2 as regards financial affairs or management of the Company, and accordingly all Parties hereby acknowlegde and undertake that all obligations of Transferor 1 and Trnasferor 2 arising out of such shares towards the Company are hereby being transferred and assumed by the Transferee*"[11].

L-istess ftehim klawsla 2*. Warranties and Indemnities* senjatament l-artikolu 2.1 jgħid:

> *Transferor 1 and Transferor 2 hereby warrant that the shares as hereby transferred are free and unencumbered from any liability of any nature whatsoever. Transferor 1 and Transferor 2 shall indemnify and hold the Transferee harmless as regards any pledge or any other third-party security right of any nature whatsoever which is enforced following the date of this Agreement in the event that such attached to such shares prior to the effective date hereof*;[12]

Madanakollu l-Artikolu 10 tal-*Credit Application Form* iffirmat mas-soċjeta' attriċi jistipula li:

> *The Director/s and/or Shareholders of the private Company signing this agreement, bind themselves personally to the Company, which accepts, in solidum together with the private company, to the performance of all obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generalty of the above, they shall be personally liable, in solidum with the private company, for the repayment of all overdue payments and interest due to the company under this agreement. In the absence of any other agreement, this personal liability will subsist even if the private company is liquidated, wound-up, amalgamated with another company or converted, and nothwitstanding any*

[10] A fol 33 et seq tal-proċess
[11] A fol 34 tal-proċess
[12] A fol 3 tal-proċess

*change in the names of the Directors and/or shareholders after the signing of this agreement and/or in the runnning of the business.*

Issir referenza wkoll għall-klawsola 8 tal-istess *Credit Application Form* li tgħid:

*8. Credit Terms Personal to Reseller*

*The Reseller accepts that any credit terms granted by the Creditor Company apply only to the Reseller and undertakes to inform the Creditor Company in writing, within 7 days, of any change in the ownership, management or responsibility of the business from which the Reseller sells the Products. The Reseller shall lose the benefit of the credit terms hereunder, in the event that the Reseller fails to inform the Creditor Company of any such change, or in the case of a breach of any clause in these Terms of Credit.*[13]

Mill-atti ma jirriżultax illi wara li sar is-*share transfer and settlement agreement* bejn il-konvenut Pantzar u l-konvenuta Beaney fit-30 ta' Ġunju, 2017, sar xi ftehim bejn il-konvenut Pantzar u s-soċjeta' attriċi. Lanqas ma jirriżulta li l-konvenut kien informa b'din il-bidla lis-soċjeta' attriċi. Għalhekk huwa baqa' marbut bil-Ftehim hawn fuq imsemmi[14].

Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari qed tiġi miċħuda.

It-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex jiddeċiedi l-mertu tal-kawża odjerna.

Fis-sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta rrilevat illi s-soċjeta' konvenuta hija *a Limited Liability Company* u li f'għajnejn il-Liġi għandha personalita' legali distinata u għalhekk hija qatt ma kellha tkun parti mill-kawża odjerna. Kompliet tgħid illi hija qatt ma ingaġġat is-servizzi tas-soċjeta' attriċi u dan kif jirriżulta mill-*istatement* esebit minnha stess li huwa maħruġ fil-konfront ta' Tra Amici Cafe' Bistro, Barking Frog, 91/93, Naxxar Road, Birkirkara, inkluż il-*credit form application*. Hija kompliet tirrileva li s-soċjeta' attriċi ma ppreżentawx l-aħjar prova stante li l-*invoices* ma ġewx preżentati.

Huwa ritenut illi:

*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil- gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l- konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil- kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija*

[13] *A fol* 4 tal-proċess

[14] Vide Appell Inferjuri Numru 42/2021LM fl-ismijiet S**imonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113) vs Tapaz Malta Ltd (C 79769) u Christopher McKay (K.I. nru. 32891(M)** deċiż fis-7 ta' Lulju, 2023

> *l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004).*

Illi mil-provi mressqa ma jirriżultax illi kien hemm kontestazzjoni min-naħa tal-konvenuti senjatament min-naħa tal-konvenut Jan Pantzar, *stante* li l-konvenuta u s-soċjeta' konvenuta ma ppreżentawx ir-risposta entro' it-terminu impost mil-Liġi, illi l-merċa ma ġietx effettivament konsenjata lis-soċjeta' konvenuta. Lanqas ma ġie ikkontestat l-*istatement* ippreżentat mis-soċjeta' attriċi li jiġbor fih il-ġranet li fih ġiet ikkonsenjata l-merċa mis-6 ta' Diċembru, 2019 sal-10 ta' Marzu, 2019 u għalhekk it-Tribunal huwa sodisfatt li l-merċa ġie konsenjata fid-dati ċitati u li l-ħlas effettivament qatt ma sar.

Illi s-soċjeta' konvenuta fis-sottomissjonijiet tagħha rrilevat illi s-soċjeta' attriċi kienet konxja illi l-merċa li kienet tiġi ordnata u kkonsenjata lil ċertu Lydon Laudi, li ma kienx imħarrek bħala konvenut. Mil-provi ċertament ma jirriżultax illi Lydon Laudi jiffigura fil-kawża odjerna ħlief mill-*Credit Application Form* li huwa kien ser ikun il-*contact person (payment)* liema *Credit Application Form* ġiet iffirmata mill-konvenuti. Lanqas ma jirriżulta li l-istess Lydon Laudi imsemmi tressaq sabiex jixhed fuq il-mertu tal-kawża odjerna min-naħa tal-konvenut Jan Pantzar.

Fis-sottomissjonijiet tagħha l-konvenuta Beaney rrilevat illi ma nġabitx prova suffiċjenti li tikkonferma li l-*credit application* ġiet verament iffirmata mil-konvenuti u lanqas ma kienu imtellgħin sabiex jikkonfermaw il-firma fuq l-applikazzjoni. Lanqas ma hemm data sabiex tiċċertifika il-firma tagħhom u lanqas għal-liema perjodu qed tirrelata. Issottomettit ukoll li l-firem li qed jiġu ndikati bħala tal-konvenuti ma m'humiex l-istess bħal firem li effettivament huma tal-konvenuti fuq id-dokument ta' *share transfer agreement* li ġie attestat minn xhud u għalhekk il-*credit application agreement* m'għandiex tiġi kkunsidrata bħala evidenza.

Mill-atti proċeswali ma jirriżultax li kien hemm xi talba sabiex il-*credit application* tiġi impunjata u lanqas ma jirriżulta li kien hemm talba sabiex jiġi maħtur espert kaligrafu sabiex jiġu eżaminati l-firem fuq tali *credit application*. Anzi mill-affidavit ta' Jan Pantzar jirriżulta illi "*at the time, it was explained to us that plaintiff company would only agree to supply goods to Barking Frog Limited if we, as directors, agreed to sign the Credit Application Form exhibited by plaintiff company*". Illi għalhekk jirriżulta illi kienu ż-żewġ konvenuti u li kienu Diretturi tas-soċjeta' intimata fiż-żmien li ġiet ffirmata il credit application form u li effettivament iffirmaw tali dokument fejn daħlu bħala garanti insolidum flimkien mar-*reseller* fil-konfront tas-soċjeta' attriċi.

Ikkunsidra li l-konvenut Jan Pantzar fl-affidavit tiegħu qal:

> *From the statement exhibited by the plaintiff company, it transpires that this claim relates to bills and/or debts allegedly owed by the defendant company Barking Forg Limited which date between January 2020 and July 2021, and therefore relate to the time that comes after the date on which I transferred all my shares…*

Terġa ssir referenza għal-klawsola tat-*Terms and Conditions of Credit* senjatament artikolu 8 u artikolu 10. Ma jirriżulta minn imkien illi l-iskrittura ta' kreditu ġiet emendata bi ftehim ieħor

jew li Pantzar kien informa lis-soċjeta' attriċi bis-*share transfer agreement* li sar mal-konvenuta Beaney fir-rigward li kien trasferixxa l-ishma tiegħu lil konvenuta Beaney. In oltre issir referenza għad-dikjarazzjoni li tghid:

> *The Guarantor hereby constitutes himself/herself, a joint and several debtor with the Re-seller, in favour if the Company, which accepts, in respect of the Re-seller's obligations under these Terms of Credit. All the parties to this Agreement agree that Farsons has the right, at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against either the Re-seller or the Guarantor or against both the Re-seller and the Guarantor at the same time.*[15]

Ikkunsidra li għalhekk l-konvenuti Pantzar u Beaney daħlu bħala garanti *in solidum* flimkien mar-*reseller* (li hija s-soċjeta' konvenuta) fil-konfront tas-soċjeta' attriċi[16].

Għalhekk mill-*istatement* datata 4 ta' Ottubru, 2022 jirriżulta illi tali fattura[17] maħruġa fil-konfront ta' Tra Amici Café Bistro Barking Frog Limited fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) huwa dovut mill-konvenuti *in solidum*.

**Decide**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi minn dan il-każ billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Jan Pantzar filwaqt li jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lil konvenuti jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf ewro (€1,000), *in solidum* bl-imghax legali mis-17 ta' Ottubru, 2022[18] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuti b'mod ugwali.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Ġudikatur**

[15] A fol 4 tal-proċess

[16] Vide Appell Inferjuri Numru 42/2021LM fl-ismijiet **Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C 113) vs Tapaz Malta Ltd (C 79769) u Christopher McKay (K.I. nru. 32891(M)** deċiż fis-7 ta' Lulju, 2023

[17] A fol 2 tal-proċess

[18] Skont ir-rikors promotur